MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 387/2012

**Vodafone Malta Limited**
**C-10865**

**vs**

**Debono John Joseph**
**ID76089-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf mija u erbghin ewro u sitta u disghin centezmu (€1,140.96c) dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici ghal servizzi u prodotti provduti mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq talba u a beneficcju tal-istess konvenut skond ftehim bil-miktub iffirmat bejn il-kontendenti, vide statement of acccount hawn anness u mmarkat bhala 'Dok.VF1' u 'Dok.VF2'.

Illi l-konvenut minkejja li gie debitament interpellat ghal hlas baqa’ inadempjenti.

Bl-imghax mid-data ta’ kull fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-numru **757/2012**, tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru **892/12** u tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju bin-numru **899/12** u, ipprezentati fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet fuq premessi, kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tat-talba u l-avviz tas-smiegh, naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mija u erbghin ewro u sitta u disghin centezmu (€1,140.96c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------